MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 105/7

It-Tlieta 03 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

George Fenech – Kunsillier

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

105.1 Bye-law dwar parkeġġ fil-Gudja

105.2 Tmiem tal-laqgħa.

---

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsillier is-Sur Fenech ma setax jattendi minħabba impenji oħra li ma setax jevita u għalhekk talab li jiġi skużat filwaqt li l-istess Sur Fenech esprima l-opinjoni li huwa kien favur din il-bye-law.

Il-Kunsill qabel li għal kull buon fine tal-proċedura, is-Sur Fenech għandu jiġi konsidrat bħala skużat u li din bl-ebda mod ma għandha titnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu dwar l-attendenza fil-laqgħa tal-Kunsill.

**105.1.0 Bye-law dwar parkeġġ fil-Gudja**

105.1.1 Is-Sindku spjega kif dak li wassal għal din il-bye-law dwar il-parkeġġ fil-Gudja kien ilu jinħema' tul iż-żmien għaliex huma bosta r-residenti li jilmentaw li mhux qed isibu post fejn jipparkjaw speċjalment meta jiġu lura mix-xogħol għal djarhom.
Is-Sindku fakkar f'dak li għamel il-Kunsill dwar ir-*residential parking scheme* u liema skema ffaċċjat diffikultà anke meta kienet diġà approvata għal żmien definit.
Is-Sur Sammut u s-Sur Caruana stqarru li kienu huma li resqu mozzjoni dwar bye-law liema mozzjoni kienet ukoll ġiet amendata u approvata sa xi żmien ilu.
Is-Sindku qal li l-proċedura tieħu ż-żmien u l-Kunsill xtaq jassigura li l-proċedura tiġi osservata skrupolożament u b'hekk ma jkunx hemm lok li din il-bye-law li sa issa swiet iżjed minn €1600.00 tiġi rrifjutata minħabba xi raġuni teknika jew nuqqas ta' osservanza tal-proċedura.
Saret diskussjoni dwar diversi punti dwar il-proċedura u l-kontenut tal-istess bye-law.

105.1.2 Deċiżjoni: Il-Kunsill qabel u ddeċieda li paragrafu 6 (f) reati jiġi amendat fis-sens li wara l-kliem 'jeħel amenda...' jidħol il-kliem 'skont ir-regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ngombru'. Fit-test bl-Ingliż f'paragrafu 6 – offences wara l-kliem 'be liable to fine (amenda) jidħol il-kliem 'in accordance with the regulation clamping and removal of motor vehicles and encumbering object.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jkompli jimxi skont il-proċedura meħtieġa bil-għan li din il-bye-law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja tiġi approvata kif meħtieġ fl-aħjar interess tar-residenti kollha tal-Gudja

**105.2.0 Għeluq tal-laqgħa**

105.2.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.15pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |